# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum it-28 ta' Jannar 2020**

Appell numri 188 tal-2018

**Il-Pulizija**
**vs**
**Tommy (Thomas) MIFSUD**

Il-Qorti :

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-11 t'April 2018 fil-konfront ta' Tommy (Thomas) MIFSUD, KI 473476M, fejn ġie mixli talli (in suċċint) fit-28 ta' Lulju 2017 u/jew fil-ġranet u/jew fix-xhur ta' qabel, fil-kapaċita tiegħu personali u/jew bħala direttur ta' Ta' Dernis Limited wettaq xogħol ta' kostruzzjoni fil-plot 3, 5, 13, Triq il-Kejla, l-Ibraġġ, Swieqi u dan bi ksur t'ordni ta' uffiċjal, ordni mogħtija bil-miktub li ġġib id-data

tat-8 t'April 2017, biex tissalvagwardja s-saħħa u s-sigurta fuq il-post tax-xogħol u dan ai termini tal-artikolu 17(1) tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Permezz tas-sentenza aktar il-fuq imsemmija, il-Qorti, wara artikolu 17(1) tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-imputat ħati tal-*Akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni w ghaldaqstan tikkundannhom b'multa ta' €600 kull wiehed*.

3. Permezz ta' rikors datat 26 t'April 2018, l-appellant interpona appell minn din is-sentenza fejn talab lil din il-Qorti sabiex tirrevoka, tħassar u tannulla s-sentenza appellata u minflok tillibera lill-ħati minn kull imputazzjoni, ħtija u piena. Dan wara li ressaq is-segwenti aggravji li in suċċint huma :

(a) Il-Qorti tal-Maġistrati għamlet interpretazzjoni żbaljata tal-liġi billi ma nġabet ebda prova li b'xi mod turi li l-imputat kien ġie notifikat bl-ordni bil-miktub tal-uffiċjal u li a bażi tagħha huwa tressaq quddiemha;
(b) Li ma nġiebet ebda pova li x-xogħolijiet imsemmija fl-ordni li allegatament ġiet notifikat lill-appellanti effettivament kienu qegħdin isiru mill-appellanti.

***Ikkunsidrat : -***

4. Illi nhar it-8 ta' Mejju 2017 Uffiċjali tal-Awtorita' tas-Saħħa u s-Sigurta fuq il-post tax-xogħol għamlu spezzjoni fis-sit ta' kostruzzjoni bl-indirizz Plot 3, 5, 13 Triq il-Kejla, Ibraġġ, Swieqi li jsejjaħ is-soċjeta' Ta' Dernis Limited, rappreżentata minn Emanuel MIFSUD u Tommy (Thomas) MIFSUD. Minn din l-ispezzjoni

irriżultaw diversi nuqqasijiet għal dak li jirrigwarda s-salvagwardji meħtieġa għall-protezzjoni tal-ħaddiema u tan-nies passanti bi ksur tar-regolamenti relattivi. L-Awtorita tagħat avviż verbali u sussegwentement ħarġet avviż bil-miktub. Dan l-avviż bil-miktub kien datat it-8 ta' April 2017, u skont dan l-avviż, il-persuni responsabbli għal dan is-sit kellhom iwaqqfu x-xogħolijiet ħesrem u jeżegwixxu xogħolijiet rimedjali u suffiċjenti sabiex dawn in-nuqqasijiet jiġu ndirizzati. Qabel ma jingħataw l-awtorizazzjoni mill-istess Awtorita' sabiex ikomplu x-xogħolijiet fuq is-sit, il-persuni responsabbli kellhom jieqfu mill-jkomplu bix-xogħolijiet.

5. Dan l-avviż bil-miktub kien ġie indirizatt fl-indirizz 128, Triq San Bartolomew, Qormi, li minn provi eżebiti fil-proċess irriżulta li dan l-indirizz kien jappartjeni lil Ta' Dernis Ltd. Wara l-ewwel spezzjoni u l-avviż bil-miktub, l-Awtorita kkonduċiet spezzjoni oħra biex tivverifika jekk sarux ix-xogħoljiet rimedjali. Fit-tieni spezzjoni ġie nnutat illi x-xogħolijiet fis-sit kienu tkomplew kontra l-ordni maħruġa u ma kienx sar rapport li kien jindika x-xogħolijiet rimedjali li kellhom isiru jew li effettivament saru wkoll skond l-istess avviż. Konsegwentement l-appellant tressaq il-Qorti mixli bir-reat de quo, fejn instab ħati kif ġie spjegat aktar il-fuq.

***Ikkunsidrat : -***

6. Kif din il-Qorti kellha diġa l-opportunita tisħaq f'sentenzi preċedenti tagħha, l-obbligi relattivi għas-saħħa u s-sigurta fuq il-post tax-xogħol huma maħsuba biex la l-appellanti u l-anqas l-

impjegati tagħhom ma jweġġgħu waqt xogħolhom. Huma intiżi li jipproteġuhom mis-saram u huwa fl-interess tagħhom li jaraw li dawn ir-regoli jiġu mħarsa mhux bħala sikkatura fuqhom iżda bħala salvagwardja għal-ġid tagħhom u tal-familji tagħhom u tal-ħaddiema u l-persuni li jkunu jinsabu fuq is-siti fejn huma jkunu qegħdin jaħdmu jew iħadmu. Mill-banda l-oħra dawn huma proċeduri penali u mhux proċeduri amministrattivi. Għalhekk il-liġijiet li huma applikabbli u l-interpretazzjoni li trid tingħata hija dik pertinenti għall-eżerċizzju tad-dritt penali.

7. Il-pern ta' l-ewwel aggravju huwa li ma nġiebet ebda prova li turi li l-imputat ġie notifikat bl-ordni bil-miktub tal-Uffiċjal li in bażi tagħha huwa tressaq mixli quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.

8. L-appellant ġie misjub ħati mill-Qorti tal-Maġistrati talli kiser id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(1) tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jaqra hekk : -

> 17. (1) Uffiċjal jista' jagħti ordni, verbalment jew bil-miktub, biex jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u kull persuna għandha tobdi dan l-ordni minnufih sakemm ma jiġix revokat minn uffiċjal jew mill-Bord ta' Appelli:
>
> Iżda persuna li tirċievi ordni, kemm jekk dik il-persuna tkun ħaddiem jew min iħaddem, tista' tiddefendi ruħha mill-akkuża li tkun kisret l-ordni jekk tipprova li kieku ikkonformat ruħha ma'dak l-ordni kien ikun ta' detriment immedjat għas-saħħa u għas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol:
>
> Iżda wkoll kull ordni li jingħata verbalment għandu jiġi konfermat bil-miktub u mwassal għand il-persuna li lilha jkun mogħti fi żmien tliet ijiem tax-xogħol.
>
> (2) (a) Uffiċjal jista' jordna li post tax-xogħol jiġi mbarrat, ujista' jirrevoka ordni bħal dak.
> (b) Meta post tax-xogħol jew parti minnu jiġi mbarrat,ebda persuna ma tista' tidħol fl-area imbarratamingħajr il-permess ta' uffiċjal.

(3) Meta uffiċjal jagħmel ordni bil-miktub skont dan l-artikolu, jista' jwaħħal kopja tiegħu fil-post tax-xogħol, jew fuqkull apparat, makkinarju, tagħmir, ħwejjeġ jew ħaġa, u ebdapersuna ħlief uffiċjal ma għandha taqla din il-kopja sakemm matkunx awtorizzata minn xi uffiċjal biex tagħmel hekk.

(4) Meta uffiċjal jagħmel ordni bil-miktub skont dan l-artikolu, jew jagħti rapport tal-ispezzjoni lil min iħaddem jew lilpersuna li tkun inkarigata mix-xogħol, min iħaddem jew il-persunainkarigata mix-xogħol għandhom minnufih jaraw li kopja jew kopjitiegħu jiġu mwaħħla f'post jew f'postijiet fejn jidher fil-post tax-xogħol, fejn x'aktarx jiġbed l-attenzjoni tal-ħaddiema.

(5) Uffiċjal ma jkunx meħtieġ li jisma jew jagħti l-opportunità lil min iħaddem, ħaddiem jew persuna oħra li jagħtu l-opinjoni tagħhom qabel ma jagħmel ordni.

9. Dan l-artikolu jitkellem fuq is-setgħa tal-Uffiċjal li jagħti ordnijiet bil-fomm jew bil-miktub biex jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, u fuq l-obbligu ta' kull persuna li tkun mogħtija tali ordni li tobdi dan l-ordni minnufih sakemm dan l-ordni ma jiġix revokat minn Uffiċjal jew mill-Bord ta' Appelli. Imbagħad il-Liġi tippreskrivi l-proċedura li għandha tiġi segwita. Min jikser id-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu jiġi ritenut li jkun qiegħed jikkommetti reat kriminali u jkun passibbli għall-azzjoni kriminali li tista' twassal li f'każ ta' ħtija jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu(11,646.87), jew dik il-multa u priġunerija flimkien; u barra minnhekk, il-Qorti tista' wkoll, fuq it-talba tal-prosekuzzjoni, tħassar il-liċenzi kollha, b'ordnijiet bil-

miktub jew permessi maħruġa lil jew f'isem il-persuna misjuba ħatja in konnessjoni mal-post tax-xogħol fejn ikun sar ir-reat.

10. L-osservanza ta' dik il-proċedura stabbilita fl-artikolu 17 tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta għalhekk issir importanti ħafna għas-salvagwardja tad-Dritt. Biex ir-reat jitqies integrat, il-Prosekuzzjoni riedet tipprova mhux biss il-ksur da parti tal-imputat iżda wkoll li l-proċedura li setgħet twassal biex dak il-ksur jiġi ritenut reat tkun ġiet segwita fit-termini li l-Liġi stess issemmi b'mod tassattiv.

11. Mill-provi prodotti jirriżulta li Uffiċjal Christopher Zarb kien ħareġ ordni verbali lid-diretturi ta' Ta' Dernis Limited. Dik l-ordni ġiet segwita bl-ispedizzjoni tal-ittra eżebita a fol 6. Id-data fuq din l-ittra irriżulta li kienet żbaljata peress li kif ħareġ mix-xiehda tal-Uffiċjal Christopher Zarb stess, l-ewwel ispezzjoni kienet saret fit-8 ta' Mejju 2017. Dik l-ittra intbagħtet f'indirizz li mill-atti jirriżulta li kien dak użat minn Ta' Dernis Limited, jew li almenu b'xi mod kien jorbot magħha. Biss din l-ittra ma ssemmi l-isem ta' ebda persuna li lilha kienet indirizzata. Minkejja dawn in-nuqqasijiet mill-provi mresqa mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tikkonkludi li din l-ittra kienet indirizzata f'indirizz użat minn Ta' Dernis Limited u li peress li kienet titratta *stop order* dwar xogħolijiet ta' kostruzzjoni li kienu qegħdin isiru fis-sit in kwistjoni minn Ta' Dernis Limited f'dawk iż-żminijiet, setgħet tikkonkludi li kienet mibgħuta lil din il-kumpanija.

12. Biss il-Liġi ma tieqafx hemm. Kif intqal, l-artikolu 17 tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta jawtorizza lill-Uffiċjal li jista' jagħti ordni kemm verbali kif ukoll bil-miktub. Mix-xiehda ta' Christopher Zarb jirriżulta li l-ewwel ordni kien ingħata bil-fomm waqt laqgħa li kienet saret fl-uffiċji tal-Awtorita stess fejn kien preżenti id-direttur ta' Ta' Dernis Limited Emmanuel MIFSUD. Imbagħad din il-laqgħa u l-ordni verbali ġew segwiti mill-ittra, ossija *stop order*, imsemmija aktar il-fuq. Din l-i*stop order* kienet datata 8 t'April 2017, iżda mill-provi ħareġ li suppost kienet datata 8 ta' Mejju 2017. Din intbagħtet mill-Awtorita – mhux minn Christopher Zarb – bil-posta reġistrata fl-indirizz 128, Triq San Bartolomew, Ħal-Qormi.

13. Jirriżulta pero li matul il-produzzjoni tax-xiehda tagħha il-Prosekuzzjoni naqset milli tipproduċi kopja tal-irċevuta tal-istess ittra reġistrata li turi meta din l-ittra intbagħtet mill-Awtorita, meta ġiet notifikata lil Ta' Dernis Limited u min kien irċeviha għan-nom ta' din is-soċjeta'. Ġara pero li waqt ix-xiehda tal-istess Uffiċjal quddiem din il-Qorti ta' reviżjoni huwa saħaq li kellu din l-irċevuta fil-*file* li kien qiegħed iġorr miegħu. U f'dak il-punt qam il-punt dwar kemm dan setgħa jipproduċi dan id-dokument *seduta stante*.

14. Din il-Qorti ma setgħetx tirċievi dak id-dokument fi stadju t'appell in kwantu l-artikolu 424 tal-Kodiċi Kriminali jipprekludiha milli tagħmel dan. Dan l-artikolu jgħid :

> Quddiem il-qorti superjuri ma jistgħux jinġiebu xhieda ġodda, ħlief –
>
> (a) jekk jiġi ippruvat bil-ġurament jew b'mezzi oħra li l-parti li toffri x-xhieda ġodda ma kinitx taf bihom, jewma setgħatx, bil-mezzi li tagħti l-liġi, iġġibhom quddiem il-qorti inferjuri;

(b) jekk il-prova tkun ġiet offerta quddiem il-qorti inferjuri, u din il-qorti, bla ma kien imissha, ċaħdet din il-prova.

Ebda waħda minn dawn ir-raġunijiet ma setgħu jiġu invokati mill-Prosekuzzjoni stante li din il-prova kienet tirriżulta fil-*file* tal-Uffiċjal u din, għal xi raġuni mhux magħrufa minn din il-Qorti, sempliċiment ma kienetx ġiet prodotta quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.

15. Quddiem din il-Qorti dan ix-xhud xehed li huwa kien jaf li din ġiet riċevuta u li kienet fil-*file* tiegħu. Is-silta tax-xiehda l-aktar rilevanti hija din:-

Il-Qorti: Huwa normali li intom toħorġu ittri mibgħuta f'indirizz mingħajr ma jkun indikat lil min huma indirizzati dawn? Jew kienet xi sviżta ukoll din?
Xhud: Din jidher li kien hemm xi sviżta. L-affari hija li...
Il-Qorti: Jiġifieri mhux għax proċedura li...
Xhud: Le, le, le, l-ewwel darba din li qed naraha. Kien hemm xi misunderstanding meta ntbagħtet l-ittra.
Dr Giannella Camilleri Busuttil: Sur Imħallef forsi għaliex b'referenza wkoll dejjem għal mad-domanda li għadha kif saret i ll-Qorti, aħna hawnhekk għandna l-kontenut tal-ittra u x-xhud.... naf li ma hijiex esebita imma forsi jista' jagħmel referenza ankè għall-file tiegħu, qalilna li ntbagħtet posta reġistrata, forsi jekk jiftakarx kif kienet indirizzata però fuq l- envelope għax qed nara.... qed nistaqsik jekk tiftakarx....
Dr Ghaznavi: Le, mhux qegħda fl-atti Sur Imħallef...
Dr Giannella Camilleri Busuttil: Jien qed nistaqsih jekk jiftakarx. Naf li ma hemmx fl-atti kollega.... jien qed nistaqsih jekk jiftakarx. Mhux qed nurih dokument.
Il-Qorti: Għalhekk staqsejtha l-ewwel...
Dr Ghaznavi: Sur Imħallef imma kemm nirrileva li x-xhud kien għadu kif qalilna li mhux hu bagħatha.
Il-Qorti: Mhux hu bagħatha qal. Imma hu jaf illi ġiet riċevuta minħabba li ra l-...
Xhud: Eżatt, jien irċevejt ir-receipt...
Il-Qorti: Tan-notifika.
Xhud: Eżatt. Iċ-ċertifikat.
Il-Qorti: Li qed tirreferi għal dik l-ittra.
Xhud: Eżatt.

Dr Giannella Camilleri Busuttil: Eżatt. Issa jekk jiftakarx Sur Imħallef, naf li ma hijiex esebita, jekk jiftakarx b'referenza għal din in-notifika lil min kienet ġiet indirizzata...
Xhud: Yes, definitely niftakar. Kienet indirizzata Ta' Dernis Limited.
Dr Ghaznavi: Ok.
Il-Qorti: Tiftakar lil min kien hemm iddikjarat li rċevieha?
Xhud: Il-firma le ma niftakarx f'dak ir-rigward.
Dr Giannella Camilleri Busuttil: Qegħda miegħek? Forsi jista' jagħmel referenza għaliha bil-permess tal-Qorti jekk qegħda għandu?
Xhud: Qegħda hawn.
Dr Ghaznavi: I think we are pushing it a bit too muxh here.
Il-Qorti: Inkella jkollna mmorru fil-424 u ma nixtieqx illi noħolqu puri mbagħad għax...
Dr Giannella Camilleri Busuttil: Dak kollox da parti tiegħi Sur Imħallef.
Il-Qorti: Però jiftakar li l-irċevuta kienet ffirmata...

16. Illi dan l-episodju huwa importanti għall-fini tal-analiżi tal-ewwel aggravju minħabba l-fatt li l-proċedura li trid tiġi segwita mill-Awtorita hija stipulata fl-artikolu 17 tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta. Aktar minn hekk, ladarba l-Prosekuzzjoni xliet lill-imputat appellant bir-reat li jitnissel mill-ksur tal-istess artikolu, hija kienet ukoll obbligata li tipprova, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, mhux biss li l-imputat appellant kiser l-obbligi naxxenti mill-artikolu 17 tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda wkoll li l-Awtorita innifisha segwiet il-proċedura li kellha tiġi segwita relattivament għall-ħruġ ta' tali ordni, li imbagħad l-imputat appellant ġie mixli li ma segwiex.

17. Kif intqal, il-proċedura stipulata fl-artikolu 17 tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta tagħti s-setgħa lill-Uffiċjal li jagħti ordni, verbalment jew bil-miktub, biex jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Pero jekk tingħata ordni verbali, din

għandha tiġi konfermata bil-miktub **u mwassla għand il-persuna li lilha tkun mogħtija fi żmien tliet ijiem tax-xogħol**. Dan ifisser li qabel xejn il-Prosekuzzjoni trid tipprova, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, li, jekk tkun ingħatat ordni bil-fomm, din l-ordni tkun ġiet segwita b'ordni bil-miktub, liema ordni bil-miktub imbagħad **trid tiġi mwassla għand il-persuna li lilha tkun mogħtija fi żmien tliet ijiem tax-xogħol**.

18. F'dan il-każ, il-massimu li tista' tasal għalih din il-Qorti huwa li anke jekk tistrieħ fuq ix-xiehda li ta Christopher Zarb quddiemha fis-sens li huwa kien ra l-irċevuta tat-twassil ta' din l-ordni bil-miktub, u allura l-Prosekuzzjoni pruvat li twaslet għand Ta' Dernis Limited, xorta waħda ma tistax tgħid li l-Prosekuzzjoni pruvat b'mod sikur li din twasslet lil Ta' Dernis Limited fi żmien tliet ijiem tax-xogħol, skont kif trid il-Liġi.

19. Din il-prova hija nieqsa u għalhekk din il-Qorti ma tistax serenament tgħid li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment, raġonevolment u serenement tqis li l-elementi kollha li jsawru l-ksur tal-artikolu 17 tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta u li huma l-bażi tal-azzjoni kriminali u l-eventwali sejbien ta' ħtija fl-imputat appellant ġew soddisfaċentement ippruvati.

## ***Deċide***

Għall-motivi premessi din il-Qorti qegħda tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant, u konsegwentement tħassar is-sentenza appellata, u tiddikjara

lil Tommy (Thomas) MIFSUD mhux ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u tilliberah minn kull ħtija, piena u konsegwenza.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***